

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUNSILL

SEJĦA MIFTUĦA

Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-Riċerka Xjentifika u Teknika (COST)

(2009/C 147/16)

Il-COST tressaq flimkien riċerkaturi u esperti f'pajjiżi differenti li jaħdmu fuq suġġetti speċifiċi. Il-COST MA TIFFINANZJAX ir-riċerka innifisha, imma tappoġġa attivitajiet ta' networking bħal laqgħat, konferenzi, skambji xjentifiċi fuq terminu qasir u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni. Attwalment huma appoġġati aktar minn 200 netwerk xjentifiku (Azzjonijiet).

Il-COST tistieden proposti għal Azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-iżvilupp xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, kulturali jew soċjetali tal-Ewropa. Proposti li jkollhom rwol prekursor għal programmi oħrajn Ewropej u/jew mibdija minn riċerkaturi fi stadju bikri huma milqugħa b'mod speċjali.

L-iżvilupp ta' rabtiet aktar sodi fost ir-riċerkaturi Ewropej huwa kruċjali għall-bini taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA). Il-COST tistimula networks ta' riċerka ġodda, innovattivi, interdixiplinari u wisgħin fl-Ewropa. L-attivitajiet tal-COST jitwettqu minn gruppi ta' riċerka għat-tisħiħ tas-sisien għall-bini ta' eċċellenza xjentifika fl-Ewropa.

Il-COST hi organizzata f'disa' Setturi (Bijomediċina u Bijoxjenzi Molekulari; Kimika u Xjenzi u Teknoloġiji Molekulari; Xjenza tas-Sistema Terrestri u Ġestjoni Ambjentali; – Ikel u Agrikoltura; Foresti, Prodotti u Servizzi tagħhom; Individwi, Soċjetà, Kultura u Saħħa; It-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni; Materjali, Fiżika u Nanoxjenzi; Trasport u Żvilupp Urban). Il-kopertura intenzjonata ta' kull Settur hi spjegata f' www.cost.esf.org

Il-proponenti huma mistiedna jqiegħdu s-suġġett tagħhom f'Settur wieħed. Madankollu, proposti interdixiplinari li ma jaqgħux direttament f'Settur wieħed huma partikolarment milqugħa u ser ikunu vvalutati separatament minn Korp Permanenti għall-Evalwazzjoni ta' Proposti Multidixiplinarji (Trans-Domain Proposals Standing Assessment Body).

Il-proposti għandhom jinkludu riċerkaturi minn minimu ta' ħames pajjiżi tal-COST. Jista' jiġi mistenni appoġġ finanzjarju fil-firxa ta' 100 000 EUR p.a. normalment għal 4 snin.

Il-proposti ser ikunu vvalutati f'żewġ stadji. **Proposti Preliminari** (massimu ta' 1 500 kelma/3 paġni), mibgħuta bl-użu tal-mudell online fuq www.cost.esf.org/opencall għandhom jipprovdu deskrizzjoni qasira tal-proposta u l-impatt maħsub tagħha. Il-proposti li ma jikkonformawx mal-kriterji ta' eliġibiltà tal-COST (eż. li jitolbu finanzjament għar-riċerka) ser jiġu esklużi. Proposti eliġibbli ser ikunu vvalutati mill-Kumitati tas-Setturi rilevanti f'konformità mal-kriterji ppublikati f' www.cost.esf.org Il-proponenti tal-Proposti Preliminari magħżula ser ikunu mistiedna jippreżentaw Proposta Sħiħa. **Proposti Shah** ser ikunu riveduti bejn il-pari skont il-kriterji ta' valutazzjoni f' www.cost.esf.org/opencall Id-deċiżjoni normalment ser tittieħed fi żmien sitt xhur mid-data tal-ġbir u l-Azzjonijiet mistennija li jibdew fi żmien tliet xhur minn dak inhar.

Id-data tal-ġbir għall-**Proposti Preliminari** hi l-**25 ta' Settembru 2009, 17:00 ħin ta' Brussell**. Madwar 80 Proposta Sħiħa ser ikunu mistiedna għall-għażla finali ta' madwar 30 Azzjoni ġdida.

Proposti Shah ser ikunu mistiedna sat-13 ta' Novembru 2009 għall-preżentazzjoni sal-15 ta' Jannar 2010, b'deċiżjonijiet mistennija f'Mejju 2010. Id-data tal-ġbir li jmiss hija prevista għas-26 ta' Marzu 2010.

Jekk jixtiequ l-proponenti jistgħu jikkuntattjaw il-Koordinatur nazzjonali tal-COST (CNC) tagħhom għal informazzjoni u gwida – ara www.cost.esf.org/cnc

Il-proposti għandhom jintbagħtu online lill-website tal-Uffiċċju tal-COST.

Il-COST tirċievi appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet tagħha ta' koordinazzjoni mill-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (RŻT) tal-UE. L-Uffiċċju tal-COST, immexxi mill-Fondazzjoni Ewropea tax-Xjenza (ESF), li jaġixxi bħala aġent implimentattiv għal COST, jipprovdi s-segretarjat xjentifiku għas-Setturi tal-COST u l-Azzjonijiet tal-COST.
